# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-12 ta' Mejju 2020**

Appell numru 341 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Felice DELIA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Diċembru 2019 fil-konfront ta' Felice DELIA, detentur tal-karta tal-identita 307765M fejn ġie mixli (ma oħrajn) talli fit-8 ta' Diċembru 2019, bejn is-1430 u t-1530 f'Ħaż-Żabbar, (in suċċint) :

i. Ta n-nar lil vettura tal-għamla Kia Picanto bin-numru tar-reġistrazzjoni ABW 525 għad-dannu ta' Lorraine Cutajar Cunningham;

ii. Ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor f'ammont iżjed minn elfejn u ħames mitt euro a dannu ta' Lorraine Cutajar Cunningham u Christopher Cassar;

iii. Kiser l-ordni pubbliku;

iv. Ikkommetta tentattiv t'offiża gravi fuq il-persuna ta' Lorraine Cutajar Cunningham u Christopher Cassar;

v. Ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lorraine Cutajar Cunningham;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll :

vi. sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Lorraine Cutajar Cunningham u Christopher Cassar u l-familjari tagħhom billi tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni personali ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;

vii. titratta lill-imputat appellant bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

viii. tikkundannah iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti sabet lill-imputat Felice DELIA, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata, infurmata u imtennija, ħati skont l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216, 221(1), 217, 316, 317, 318, 338(dd), 383, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu għall-piena t'erba' snin priġunerija, filwaqt li imponiet ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412C tal-Kodiċi

Kriminali favur ta' Lorraine Cutajar Cunningham u Christopher Cassar; kif ukoll ordnat lill-appellant iħallas is-somma t'erbat elef euro flimkien mal-ħatja l-oħra fi żmien tliet snin kif ukoll ikkundannat lill-appellant iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti u periti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Felice DELIA appella mill-piena li ġiet inflitta fuqu b'din is-sentenza in kwantu jqis li din kienet ħarxa u iebsa fil-konfront tiegħu. Huwa lmenta li l-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx ħadet kont tal-fatt li l-appellant kien ilu jiġi provokat ripetutament mill-parte civile għal dawn l-aħħar snin. Huwa kien diversi drabi irrikorra għall-assistenza tal-Pulizija; kif ukoll stqarr li kien ġie diversi drabi insulentat, mhedded u ostakolat fl-eżerċizzju ta' drittijietu. Dakinhar tal-inċident de quo l-parte civile kienet għajritu b'diskors mill-aktar dispreġjattiv. Huwa saħaq li b'hekk il-Qorti kellha tieħu kont ta' dan l-element tal-provokazzjoni fil-piena li kellha tiġi mogħtija lilu.

***Ikkunsidrat : -***

4. Matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell din il-Qorti rat li l-appellant kien ġie mixli bir-reat ta' ħruq volontarju. Il-Prosekuzzjoni xlietu taħt l-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodiċi Kriminali. Ma ġiex speċifikat taħt liema wieħed jew uħud minn dawn l-artikoli jew paragrafi tagħhom, kien qiegħed jiġi mixli. L-anqas ġie speċifikat jekk kienux qegħdin jiġu mogħtija bħala alternattivi.

5. Apparti minn hekk il-Prosekuzzjoni xlietu wkoll bir-reat ta' ħsara volontarja għal ammont iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2500). F'ebda parti taċ-ċitazzjoni ma jirriżulta li ġie ċitat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Mill-banda l-oħra il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat appellant, inkluż għal din it-tieni imputazzjoni u wara li sabitu ħati ta' din l-imputazzjoni wkoll, minn imkien ma jirriżulta li ġie msemmi dan l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali li joħloq ir-reat fis-sentenza tagħha.

6. Illi mill-verbali tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2019 jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur wara li qara u ikkonferma bil-ġurament "*l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati*" ippreżenta għadd ta' dokumenti, l-istqarrija tal-appellant, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, il-fedina penali tiegħu, ir-rifjut tal-assistenza legali, l-NPS 4/H/4204/2019 a fol 26 li fih jinkludi rapport dettaljat tal-verżjonijiet bikrija li ġabru l-Pulizija fis wara l-inċident u ċertifikat mediku relattiv għall-allegati offiżi subiti minn Lorraine Cassar. Biss matul il-kors ta' dik is-seduta ma jirriżultax li kien hemm xi speċifikazzjoni da parti tal-Uffiċjal Prosekutur dwar liema fost l-artikoli 316, 317 u 318 jew xi kombinazzjoni tagħhom jew tal-paragrafi rispettivi tagħhom, huwa kien qiegħed jixli lil Delia taħthom, in via prinċipali jew alternattiva. L-anqas ma jirriżulta verbalizzat xi kumment li jeluċida dan. Ma kienx hemm xi talba biex jixhdu xi xiehda, jew li jixhdu xi Pulizija jew li ġiet sollevata xi difiża ta' provokazzjoni jew xort'oħra.

7. Din il-Qorti qieset li r-reati li ġew kontestati lill-appellant, b'mod partikolari dak ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni kien ta' ħruq volontarju, mingħajr pero, matul il-kors tas-seduta, ma ġie speċifikat taħt liema mill-artikoli 316 (ħruq bil-periklu għall-ħajja), 317 (ħruq b'periklu komuni) jew 318 tal-Kodiċi Kriminali (ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies) l-appellant kien qiegħed jiġi mixli. Minkejja dan l-appellant **<u>ammetta inkondizzjonatament</u>** għar-reat ipotizzat lilu skont l-ewwel imputazzjoni mingħajr distinzjoni jew speċifikazzjoni ta' xejn.

8. Huwa evidenti li dawn l-artikoli tal-Liġi, għalkemm jittrattaw ir-reat ta' ħruq doluż, jipotizzaw ċirkostanzi u xenarji differenti li jirrendu reat ta' ħruq volontarju differenti jew aktar gravi wieħed minn ieħor. L-ipoteżi tar-reat ta' ħruq volontarju taħt l-artikoli 316 u 317 tal-Kodiċi Kriminali huma l-aktar ipoteżi ta' reat konsiderati serji in kwantu jekk javveraw ruħhom ċerti ċirkostanzi imsemmija fl-artikoli 316 jew 317(a) tal-Kodiċi Kriminali, **<u>il-ħati jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal għomru</u>**.

9. F'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati proċediet in bażi għall-proċedura stabbilita mill-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali. Iżda fin-nuqqas ta' speċifikazzjoni minn naħa tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' taħt liema ipoteżi tar-reat kienet qed tipprosekwixxi dan il-każ, dik il-Qorti ma setgħetx titratta l-każ taħt l-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, iżda semmai taħt l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu mingħajr speċifikazzjoni tar-reat, il-piena massima erogabbli kienet taqbeż il-limitu tal-kompetenza ta' dik il-

Qorti. Almenu mill-atti ma jirriżultax li kien hemm xi dikjarazzjoni jew verbal minn naħa tal-Prosekuzzjoni li in bażi tiegħu dik il-Qorti setgħet teradika b'mod sod il-ġurisdizzjoni tagħha.

10. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-reat naxxenti minn dawn l-artikoli 316 u 317 tal-Kodiċi Kriminali iġorru pieni li jvarjaw bejn l-erba' snin priġunerija u l-għomor fil-każ tal-artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali; u t-tliet snin priġunerija u l-għomor taħt l-artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali. Filwaqt li l-artikoli 316 u 317 tal-Kodiċi Kriminali xorta ma jistgħux jitqiesu li huma identiċi jew kumplimentari għal xulxin f'kull ipoteżi u f'kull każ, is-sitwazzjoni li toħroġ mill-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali, hija kjarament differenti u alternattiva għad-diversi ipoteżi imsemmija kemm fl-artikoli 316 u 317 tal-Kodiċi Kriminali. Biss ebda ipoteżi t'alternattivita ma ġiet imsemmija la mill-Prosekuzzjoni u l-anqas ma ġiet notata mill-Qorti fis-sentenza tagħha.

11. Inoltre, mill-atti ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni produċiet xi element ta' provi suffiċjenti li bihom dik il-Qorti setgħet tgħid b'sikurezza taħt liema minn dawn l-artikoli setgħet teradika ġurisdizzjoni, issib ħtija u timponi piena.

12. Apparti minn hekk, u bla ħsara għal dak mistqarr aktar il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni u ċjoe dik ta' ħsara volontarja. Biss imkien ma jirriżulta li ġie msemmi l-artikolu tal-Liġi li joħloq dan ir-reat u dan biex jiġi sodisfatt il-vot tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Dan

qiegħed jingħad xi ftit b'mod paradossali in kwantu l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti tgħid li ma tistax tinstab ħtija kontemporanja taħt l-artikoli 316, 317 jew 318 u l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali.[1] Ladarba l-Qorti tal-Maġistrati sabet il-ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni probabbilment minħabba li l-appellant ammetta dik l-imputazzjoni, hi kellha ssemmi l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla dan ir-reat.

13. Dan ix-xenarju proċesswali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali u li jolqot il-kompetenza ta' dik l-istess Qorti, fis-sens tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali.

## *Decide*

Għall-motivi premessi din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex dik il-Qorti, terġa tisma' lill-Uffiċjal Prosekutur biex jiddikjara bil-ġurament tiegħu, qabel xejn, taħt liema ipoteżi tar-reat ta' ħruq volontarju preċiża huwa kien qiegħed jixli lill-appellant (apparti mir-reati l-oħra kontestati lilu) u minn hemm tgħaddi biex wara jerġa' jsir l-eżami tal-imputat in bażi għar-reati speċifikati mill-Uffiċjal Prosekutur skont il-Liġi u tkompli l-proċess in bażi għar-riżultanzi skont il-Liġi.

---

[1] ".....biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti..." – ***Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras*** deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

*Aaron M. Bugeja*

*Imħallef*